# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 1104/01 GCD**

**O.K. Limited**

**Vs**

**Priceclub Operators Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici ghamlet diversi konsenji ta' merkanzija lis-socjeta` konvenuta f'diversi dati u dan fuq ordni u ghall-beneficcju ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' ghaxart elef hames mija u wiehed u sebghin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm10,571.77) rapprezentanti

l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija hekk mibjugha u kkonsenjata lilha mis-socjeta` attrici;

Illi ghalkemm imsejha kemm-il darba sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talbet illi din il-Qorti, b'dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef hames mija u wiehed u sebghin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm10,571.77) dovuti lis-socjeta` attrici kif hawn fuq jinghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Marzu 2001 u cjoe` mid-data ta' l-ahhar konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Adrian Stivala u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm